MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2012

Numru 853/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Patrick Ryan Mc Gahern**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Patrick Ryan Mc Gahern ta’ 20 sena iben Patrick u Irene née Clemens, imwieled Ingilterra’ nhar 8/01/1992, u residenti 182, ‘Shamrock’ Triq il- Friefet M’Scala detentur tal-karta ta’ l-identita numru: 330205(L)

Akkuzat talli, nhar it-12 t’ Awissu 2012 u jew fil- perjodu ta’ qabel din id-data fl-inhawi ta’ Marsascala b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

ikkommetta serq ta' oggetti u cioe Televixin Grundig, subwoofer tal- ghamla Kenwood, mobile phone HTC, kompjuter u l- apparat ta’ mieghu, DVD pero, liema serq, li sar ghad-detriment ta’ David Joseph Mc Gahern minn Marsaskala u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37, kif ukoll huwa ikkwalifikat bil-persuna, bil-lok, u bil- valur.

U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxiehom u cioe’ Televixin Grundig, subwoofer tal- ghamla Kenwood, mobile phone HTC, ikompjuter u l- apparat ta’ mieghu, DVD liema oggetti gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57, imma mhux aktar minn Euro 2329.37;

Akkuzat ukoll talli sar ricediv taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u  mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, li l-fedina penali tieghu li mhix wahda allarmanti, li kkommetta s-serq sabiex jiffinanzja l-vizzju tieghu tad-droga u li kien qed jghin lill-pulizija sabiex forsi jigu rkuprati parti mill-oggetti misruqa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 269 (g), 268 (b), 279 (a), 280, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda  fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------